

22000D1109(19)

9.11.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 284/47

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 64/1999

tat-28 ta' Mejju 1999

li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi)
għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu;

Billi

- (1) l-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/1999 tas-26 ta' Frar 1999 ⁽¹⁾.
- (2) t-23-id Direttiva tal-Kummissjoni 98/62/KE tat-3 ta' Settembru 1998 li taddatta għall-progress tekniku l-Annessi II, III, VI u VII għad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar prodotti kosmetiċi ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

V bodē 1 (smērnice Rady 76/768/EHS) kapitole XVI pŕilohy II Dohody se doplŕ42uje nová odrážka, která zní:

“– **398 L 0062:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/62/KE tat-3 ta' Settembru 1998 (ĠU L 253, tal-15.9.1998, p. 20).”

Artikolu 2

It-test tad-Direttiva tal-Kummissjoni 98/62/KE fil-lingwa Islandiża u fdik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar id-29 ta' Mejju 1999, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

⁽¹⁾ ĠU L 148, tat-22.6.2000, p. 43.

⁽²⁾ ĠU L 253, tal-15.9.1998, p. 20.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Mejju 1999.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

F. BARBASO
